MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 875/2006

Ivan Vassallo (Id. 141067M) f'ismu proprio u ghan-nom tad-ditta Thomas Vassallo Antiques.

Vs

Emmanuel Camilleri (Id. 873749M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallsu l-ammont bilancjali rimanenti ta' seba mija u disgha u erbghin lira Maltin (Lm749), rapprezentanti xiri ta' ghamara antika varja, liema ghamara antika giet ikkonsenjata lilu u dan kif jidher mill-annessi *invoices*. Illi l-konvenut gie interpellat ihallas skond l-ittra interpellatorja ta' Lulju 2006. Bl-ispejjes u bl-imghax legali minn Lulju 2006 inkluz l-ispejjes tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 2612/2006. Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi huwa kien qieghed jikkontesta t-talba kif dedotta kontra tieghu ghaliex l-oggetti li kien xtara minghand l-attur ma kienux antiki u kien ilu jghid lill-attur biex jehodhom lura sa minn Lulju tal-2004.

Sema x-xhieda tal-attur Ivan Vassallo.

Sema x-xhieda tal-konvenut Emmanuel Camilleri.

Ra r-rikors tal-konvenut tad-19 ta' Novembru 2007.

Ra d-Digriet tieghu tal-20 ta' Novembru 2007.

Ra r-risposta tal-attur tat-3 ta' Dicembru 2007.

Ra n-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri ta' Emanuel Camilleri fejn ecepixxa illi l-*causa* li fuqha huwa bbazat dan l-avviz hija wahda illecita u dan stante illi l-konvenut qatt ma inghata *invoice* jew ircevuta fiskali ta' l-affarijiet indikati fl-avviz u konsegwentement l-obbligazzjoni ma ghandha ebda effett, u dan in linea ma l-Artikolu 987 tal-Kap. 16.

Ra n-nota tal-konvenut tas-7 ta' Dicembru 2007.

Ra l-verbal tat-28 ta' Frar 2008, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri kif sollevata mill-konvenut.

Ra s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal fil-5 ta' Frar 2009.

Ra l-verbali tas-seduti tat-22 ta' April 2009, tat-28 ta' Mejju 2009 u tal-24 ta' Gunju 2009.

**Ikkunsidra.**

Illi gjaladarba permezz ta' sentenza moghtija minn dan it-Tribunal fil-5 ta' Frar 2009, l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut giet michuda, jonqos issa li dan it-Tribunal

jghaddi sabiex jezamina u jiddeciedi dwar it-talba tal-attur, fid-dawl tal-eccezzjoni tal-konvenut moghtija fir-risposta tieghu.

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attur qieghed jitlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma bilancjali ta’ seba mija u disgha u erbghin lira Maltin (Lm749), rapprezentanti prezz ta’ ghamara antika illi l-konvenut xtara minghand l-istess attur.

Illi skond l-attur stess, l-ghamara in kwistjoni kienet inxtrat mill-konvenut f’zewg okkazzjonijiet separati, fis-sens illi l-konvenut l-ewwel xtara diversi oggetti, u sussegwentement rega’ mar ghand l-attur u xtara xi oggetti ohrajn.  L-istess konvenut fil-fatt beda jhallas l-ammont dovut bin-nifs, izda wara li ghamel xi erba pagamenti akkont huwa naqas milli jkompli jhallas il-bqija tal-ammont dovut ghal ebda raguni valida.  L-istess attur xehed illi huwa qatt ma rcieva xi ilment minn-naha tal-konvenut dwar l-ghamara li kien xtara u lanqas qatt ma rcieva xi korrispondenza minghand il-konvenut dwar l-istess.

Skond il-konvenut l-ahhar tlett bicciet ta’ ghamara li huwa kien xtara minghand l-attur ma kienux antiki u ghalhekk wara li huwa lahaq hallas l-ammont ta’ Lm50 akkont, deherlu li m’ghandux ikompli jhallas l-ammont bilancjali u li l-attur kellu jiehu lura l-oggetti in kwistjoni u jirrifondilu l-ammont imhallas minnu.  Il-konvenut ikkonferma li l-oggetti in kwistjoni ghadhom fil-pussess tieghu sa llum (alavolja kienu nxtraw minnu fis-sena 2002), u li hu qatt ma ha xi passi sabiex dawn jigu depozitati fil-Qorti.

Illi alavolja l-konvenut inghata diversi okkazzjonijiet sabiex jipproduci l-provi tieghu fir-rigward tal-eccezzjoni tieghu illi l-ghamara mixtrija minghand l-attur ma kenitx antika, huwa ma pproduca l-ebda provi in sostenn ta’ dan.

Illi t-Tribunal jidhirlu li kien jinkombi fuq il-konvenut li jipprova illi l-ghamara ma kenitx antika, ghaliex wara kollox kien hu li kien qieghed allega dan.  In mankanza ta’ tali prova, t-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn

ghandu jkun konvint li l-ghamara ma kenitx antika. Wara kollox il-partijiet kienu ilhom zmien jinnegozjaw flimkien fl-ghamara antika u ma kenitx l-ewwel darba li l-konvenut kien xtara minghand l-attur. Ta' min isemmi illi fuq ammissjoni tal-konvenut stess, qatt ma kienet inqalghet problema simili bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jilqa t-talba attrici billi jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf, seba mija u erba u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€1,744.70), ekwivalenti ghal Lm749 kif mitluba fl-Avviz, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------